31998R1631

L 210/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.7.1998

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1631/98

## tal-20 ta' Lulju 1998

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2392/86 li jistabbilixxi reġistru Komunitarju ta' l-oqsma tad-dwieli

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([1]) u partikolarment l-Artikolu 80 miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([2]),

Billi l-miżuri provduti fir-Regolament (KEE) Nru 2392/86 ([3]) għandhom ikunu flessibbli biżżejjed sabiex jippermettu adattament għal żviluppi fl-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid; billi d-diffikultajiet tekniċi li ltaqgħu magħhom Spanja, il-Greċja u l-Portugall rispettivament meta ġew biex iniedu reġistru ta' l-oqsma tad-dwieli jiġġustifikaw estensjoni tad-*deadline* iprovduta f' l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2392/86,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-sentenza li ġejja għandha tiżdied ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2392/86:

"'Id-data finali li fiha għandu jiġi stabbilit ir-reġistru tkun il-31 ta' Diċembru 1999 fi Spanja u l-31 ta' Diċembru 2000 fil-Greċja u fil-Portugall"

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

W. MOLTERER

---

([1]) ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1627/98. (Ara paġna 8 ta' dan il-Ġurnal Uffiċ–jali).

([2]) ĠU C 87, tat-23.3.1998, p. 17.

([3]) ĠU L 208, tal-31.7.1986, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1596/96 (ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 38).